

[Paġna Ewlenija](#) > ... > [Reġistri - Kummerċjali, Dwar L-insolvenza U Tal-artijiet](#) > [Reġistri Kummerċjali Fil-pajjiżi Tal-UE](#) > [Denmark](#)

## Reġistri kummerċjali fil-pajjiżi tal-UE

Il-kontenut ipprovdut minn  
Danimarka

Danimarka



Din it-taqsimha tippreżenta ħarsa ġenerali lejn ir-reġistru tan-negozju tad-Danimarka.

### L-Awtorità tan-Negozju Daniża (*Erhvervsstyrelsen*)

#### L-Istorja tar-Reġistru tan-Negozju Daniż

L-Awtorità tan-Negozju Daniża ġiet stabbilita fl-1 ta' Jannar 2012.

Hija għandha madwar 500 impjegat. Hija għandha portafoll wiesa' ta' kompiti u responsabbiltajiet, li b'mod ġenerali għandhom jagħmluha aktar faċli u aktar attraenti li jsir negozju fid-Danimarka. L-awtorità tan-Negozju topera f'ħafna oqsma — mil-liġi dwar l-ippjanar u l-iżvilupp rurali sad-diġitalizzazzjoni, is-superviżjoni u l-monitoraġġ effettivi tal-fondi, il-kumpaniji, il-ħasil tal-flus, il-kontabilità, l-awditjar, l-esportazzjoni u l-kontrolli tal-UE. Huwa responsabbli għar-Reġistru Ċentrali tan-Negozju (CVR), li huwa r-reġistru prinċipali tal-istat għall-informazzjoni dwar il-kumpaniji Daniżi kollha.

L-Awtorità tan-Negozju hija parti mill-Ministeru Daniż għan-Negozju u t-Tkabbir (*Erhvervsministeriet*).

#### X'joffri r-Reġistru tan-Negozju Daniż?

Fis-sit [erhvervsstyrelsen.dk](http://erhvervsstyrelsen.dk), tista' ssib informazzjoni dwar l-oqsma ta' ħidma tal-Awtorità, inkluż ir-Reġistru tan-Negozju Daniż [CVR.dk](http://CVR.dk).

[CVR.dk](http://CVR.dk) fil-portal tal-Virk huwa l-punt ta' aċċess ċentralizzat għall-informazzjoni u d-data dwar in-negozji kollha fid-Danimarka. Irrispettivament mit-tip ta' negozju, tista' ssib informazzjoni kemm dwar in-negozju nnifsu (magħruf ukoll bħala l-entità ġuridika) u kemm dwar l-unitajiet ta' produzzjoni tagħha. Ir-Reġistru jipprovdi wkoll informazzjoni dwar il-fundaturi, is-sidien u l-manigġers.

Għal ċerti tipi ta' negozju – b'mod partikolari kumpaniji pubbliċi b'responsabbiltà limitata u kumpaniji privati b'responsabbiltà limitata – tista' ssib iktar informazzjoni: kontinġent, fatti u rapporti dwar in-negozju u n-nies li jġestuh.

#### X'informazzjoni jkun fih ir-Reġistru Ċentrali tan-Negozju;

- In-numru tar-reġistrazzjoni tal-kumpanija (CVR)
- L-isem u l-indirizz
- Id-data tat-twaqqif u tal-istralċ meta jkun xieraq
- It-tip ta' negozju
- Indikazzjoni tal-protezzjoni tar-reklamar meta jkun xieraq
- Informazzjoni dwar il-krediti
- Settur u sottosetturi meta jkun xieraq

- Informazzjoni ta' kuntatt meta jkun xieraq
- L-għadd ta' impjegati meta jkun xieraq
- Sħab, fundaturi, sidien u manigera kompletament responsabbli
  - L-isem u l-indirizz
  - In-numru tar-reġistrazzjoni (CPR jew CVR) (in-numri tas-CPR ma jistgħux jingħaddew lil individwi privati)
- Unitajiet ta' produzzjoni assoċjati
  - In-numru tal-unità ta' produzzjoni
  - L-isem u l-indirizz
  - Id-data tat-twaqqif u tal-istralċ meta jkun xieraq
  - Indikazzjoni tal-protezzjoni tar-reklamar meta jkun xieraq
  - Settur u sottosetturi meta jkun xieraq
  - Informazzjoni ta' kuntatt meta jkun xieraq
  - L-għadd ta' impjegati meta jkun xieraq

## Kif infittex fir-Reġistru tan-Negozji Daniż?

F'CVR fuq Virk, tista' twettaq tiftixiet u tiftix/filtru ta' kumpanija individwali fuq il-bażi ta' serje sħiħa ta' parametri, bħal isem il-kumpanija, isem persuna, in-numru ta' reġistrazzjoni tal-kumpanija, in-numru tal-unità tal-produzzjoni, l-indirizz tal-kumpanija, tal-unità tal-produzzjoni jew tal-persuna. Tista' ssib *data* bażika dwar il-kumpaniji kollha rreġistrati fir-Reġistru Ċentrali tan-Negozju.

Fil-paġna [Sådan søger du](#) fis-CVR-Data tista' ssib għajnuna biex tfittex informazzjoni dwar il-kumpanija fir-Reġistru Ċentrali tan-Negozju.

Hemm għadd ta' soluzzjonijiet għal kwantitajiet akbar ta' *data* mir-Reġistru Ċentrali tan-Negozju, bħal "aċċess minn sistema għal sistema" u "servizzi web tas-CVR". Għal aktar tagħrif: [Ikklikkja hawnhekk](#).

## L-aċċess għar-Reġistru tan-Negozju Daniż huwa b'xejn?

Id-dokumenti u s-servizzi mir-Reġistru Ċentrali tan-Negozju li ma jeħtiġux ipproċessar manwali huma bla ħlas. Dawn huma:

- Diversi displays
- Kontijiet
- Aċċess minn sistema għal sistema u servizzi web tas-CVR

Għadd ta' dokumenti jeħtiġu pproċessar manwali u jiġu fatturati sussegwentement. Madankollu, il-prodotti huma eżenti mill-VAT:

- Firma miżjuda: DKK 120
- Kontijiet aktar antiki fuq mikrofilm jew minn arkivji remoti: DKK 300
- Ċertifikat ta' reġistrazzjoni: DKK 300
- Ċertifikat tal-bidla fl-isem: DKK 500
- Pjan ta' fużjoni: DKK 150
- Il-minuti tal-laqqgħa ġenerali annwali: DKK 150
- Dokumentazzjoni dwar il-kapital: DKK 150
- Kopja tal-formola tar-reġistrazzjoni: DKK 150
- Dikjarazzjoni tal-maniġment: DKK 150
- Rapport dwar akkwiżizzjonijiet sussegwenti: DKK 150
- Rapport dwar awtofinanzjament DKK 150
- Pjan ta' ħall tal-fużjoni: DKK 150
- Statut ta' assoċjazzjoni: DKK 150

Dawn il-prezzijiet huma validi mill-5 ta' Diċembru 2014.

## Kemm huma affidabbli d-dokumenti fir-reġistru?

L-Artikolu 14 tal-Att dwar il-Kumpaniji jittrasponi l-Artikolu 3 tal-Ewwel Direttiva dwar id-Dritt tal-Kumpaniji fil-liġi Daniża tal-kumpaniji, u jiddeskrivi kif ir-rekords huma affidabbli. L-Artikolu 14 tal-Att dwar il-Kumpaniji jgħid:

"Informazzjoni ppubblikata fis-sistema tal-IT tal-Awtorità tan-Negożju Daniża titqies li tkun magħrufa minn partijiet terzi. Il-Punt 1. Madankollu dan ma japplikax għal tranżazzjonijiet li jsiru fi żmien 16-il jum minn meta ssir pubblika, sakemm jintwera li parti terza ma setgħetx tkun taf biċ-ċirkostanzi li ġew ippubblikati.

Sakemm ma jkunux ġew ippubblikati fis-sistema tal-IT tal-Awtorità tan-Negożju Daniża, iċ-ċirkostanzi li jridu jiġu rreġistrati u ppubblikati ma jistgħux jiġu eżegwiti kontra partijiet terzi, sakemm ma jintweriex li l-partijiet terzi kienu jafu bihom. Il-fatt li ċirkostanzi ta' dan it-tip ikunu għadhom ma ġewx ippubblikati ma jipprevjenix lil parti terza milli tipproċedi abbażi tagħhom."

### Responsabbiltà għall-preċiżjoni tar-rekords

In-notifikatur huwa responsabbli għall-preċiżjoni tal-informazzjoni irrappurtata, ara l-Artikolu 8 tal-Ordni tan-Notifika (*anmeldelsesbekendtgørelsen*), u l-Artikolu 15(2) tal-Att dwar il-Kumpaniji. In-notifikatur jista' jkun kriminalment responsabbli jekk in-notifika ma tkunx saret legalment, jew jekk l-informazzjoni rrappurtata tkun skorretta.

L-Awtorità tan-Negożju Daniża ma tivverifikax il-preċiżjoni tal-informazzjoni rrappurtata, imma tirreġistra l-informazzjoni li tkun irrappurtata lilha. Dan ikun il-każ irrispettivament minn jekk il-kwistjoni kkonċernata tkunx reġistrazzjoni manwali jew awtoreġistrazzjoni li saret f'[Virk.dk](http://Virk.dk).

L-Awtorità tan-Negożju Daniża tista' tkun responsabbli għad-danni għall-użu ta' informazzjoni rrappurtata jew dokumenti li jkunu skorretti minħabba fattur amministrattiv, bħal żball fl-ipproċessar.

## Ħoloq Relatati

[L-Awtorità tan-Negożju Daniża](#)

[Ir-Reġistru Ċentrali tan-Negożju](#)

[Il-Ministeru Daniż għan-Negożju u t-Tkabbir](#)

[Ir-Reġistru tan-Negożju Ewropew \(EBR\)](#)

---

■ L-aħħar aġġornament: 04/05/2020

Il-verżjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhrix fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.